*197 sena ilu ... il-Pesta ta' l-1813-1814 jew*

# Meta kienu ser jinqerdu l-Furjaniżi kollha

*Minn Nigel Holland*

**Fl-1813 faqqgħet fil-gżejjer Maltin il-flaġell tal-Pesta u sakemm din battiet għal kollox sena wara kienu tilfu ħajjithom mhux anqas minn 4572 ruħ minn popolazzjoni ta' xi 100,000 ruħ.*1**
**Il-Floriana mhux talli ma skansat xejn minn dan il-flaġell talli f'ħin minnhom il-popolazzjoni tagħha kienet f'periklu li tinqered kollha.**

**Il-bidu tal-flaġell**

Huwa forsi diffiċli li wieħed jgħid b'ċertezza x'kien is-sors eżatt ta' dan il-flaġell li laqat lil gżejjer Maltin iżda jeżisti fatt li huwa stabbilit sew.

Dan hu li, ġiet min fejn ġiet il-Pesta, huwa żgur li l-ewwel li sabet fl-għeruq tagħha kien f'dar partikolari fil-Belt fejn kien joqgħod l-iskarpar Salvatore Borg li kien magħruf li minn żmien għal żmien kien jakkwista llegalment affarijiet li jkunu taħt kwarantina u jista' jkun li kien akkwista xi oġġetti ġejjin minn barra li kienu infettati bil-Pesta li f'dawk iż-żminijiet kienet preżenti dejjem, taħt forma jew oħra, f'diversi portijiet tal-lvant tal-Mediterran li magħhom Malta kellha kummerċ qawwi.

L-ewwel manifestazzjoni ta' l-epidemija kien il-mard u sussegwentement il-mewt li laqtu lil numru ta' membri mill-familja ta' Borg fuq perjodu bejn l-aħħar ta' April u l-4 ta' Mejju, 1813.

Għaddew ftit jiem qabel ma' l-awtoritajiet ikkonfermaw li l-mard u l-imwiet fil-familja Borg kienu kkawżati mill-Pesta iżda fl-4 ta' Mejju l-gvern ħareġ twissija immedjata u beda jieħu miżuri biex jilqa' għal din l-epidemija.

Fir-rigward tal-Floriana, u anki t-tlitt iBliet, ingħataw struzzjonijiet lill-Logutenenti biex personalment jispezzjonaw il-kwartieri tal-foqra fid-distretti rispettivi tagħhom u jagħmlu rapport lill-gvern fuq il-postijiet f'dawn iż-żoni li setgħu jkunu ta' periklu partikolari għas-saħħa*2 fosthom minħabba nuqqas ta' indafa. (Il-Logutenenti kienu persuni li kellhom dmirijiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-Logutenent tal-Floriana fi żmien il-Pesta kien Gaetano Fabri).*3

Il-gvern kien ħaseb li b'xi miżuri li kien ħa fil-bidu kien ser ikun kapaċi li jikkontrolla l-firxa tal-Pesta iżda għarralu bil-kbir. Meta l-epidemija infirxet mal-Belt Valletta kollha u sussegwentement anki sal-Floriana, bl-imwiet joktru kuljum, kulħadd beda jwaħħal f'xulxin għas-sitwazzjoni diżastruża li żvolġiet. In-nies bdew iwaħħlu fil-Board of Health talli ma ħax il-miżuri ġusti u l-Board beda jwaħħal fil-Gvern u akkużah li naqas li jaġixxi, jew dam wisq biex jaġixxi, fuq ir-rakkomandazzjonijiet li għamel l-istess Board. Dan wassal għal riżenji, akkużi u kontro-akkużi.

**Theddida ta' qerda totali tal-Furjaniżi**

Kemm kienet ħżienet is-sitwazzjoni fil-Belt u l-Floriana joħroġ min dispaċċ li s-Civil Commissioner Oakes bgħat lil Lord Bathurst fil-21 ta' Lulju fejn qallu li minkejja dak kollu li għamel il-gvern il-marda terribbli kienet qed dejjem tinfirex.

Fl-1 ta' Awissu, 1813, irrapporta lil Robinson, Konslu f'Tuneż li f'Lulju biss kienu mietu 1595 ruħ. Mid-dispaċċ lil Bathurst tal-21 ta' Lulju iżda toħroġ tassew il-qagħda ta' tkexkix li kienu jinsabu fiha l-Furjaniżi. Oakes qallu li riċentement is-subborg tal-Floriana intlaqtet b'mod partikolari mill-epidemija li tant ħakmet b'mod komplet u formidabbli d-distrett li qed thedded il-qerda totali ta' l-abitanti tagħha li huma primarjament tal-klassi baxxa ('*... which has taken such complete and formidable possession of that district as to threaten the total destruction of its inhabitants, who are principally of the lower class, ...*')

Oakes kompla li minħabba f'hekk ta l-ordni l-Floriana kollha titqiegħed fi stat ta' kwarantina mill-aktar riġida.

Bl-epidemija fil-Belt u l-Floriana apparentement mingħajr kontroll, kien ordnat li tinqata' kull komunikazzjoni bejn dawn iż-żewġ postijiet infushom u flimkien mill-bqija tal-pajjiż. Il-Beltin u l-Furjaniżi kienu spiċċaw litteralment priġunieri fi djarhom u fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.
Fil-31 ta' Lulju Oakes bagħat addenda għad-dispaċċ tal-21 ta' Lulju lil Bathurst fejn qallu li għalkemm fil-Belt kien qed jidher li l-epidemija ma kinitx qed tinfirex, il-belt tal-Floriana kienet qed tkompli ssofri severament filwaqt li l-Pesta issa kienet qed tkompli tinfirex mal-pajjiż kollu.*4

Din il-korrispondenza bejn Malta u Londra fil-persuni tal-kap tal-gvern f'Malta, is-Civil Commissioner Sir Hildebrand Oakes,*5 u Lord Bathurst, li ma kienx ilu żmien twil li laħaq bħala Segretarju tal-iStat għall-Gwerra u l-Kolonji, titfa dawl qawwi fuq it-tbatija li kienu għaddew minnha missierijietna iżda wieħed jista' jieħu ħjiel ħaj u attwali tal-kefrija ta' din it-tbatija li għaddew minna l-Furjaniżi dak iż-żmien minn pittura ta' wegħda (Voto Factum Gratia Acceptata) li turi l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Knisja ta' Sarria b'Sant'Andrija u Santu Rokku fuq naħa u oħra tagħha u taħt xena fi triq fejn fost affarijiet oħra jidher karrettun qed iġorr mejjet tal-pesta.

Skrizzjoni fuq il-pittura tgħid li din kienet ġiet ikkommissjonata minn Andrea Cachia li kien joqgħod fi Triq il-Konservatorju talli kien ħeles mill-Pesta ta' l-1813.*6

**Restrizzjonijiet aktar iebsa u tbatija eħrex**

Sa nofs Ġunju in-nies li kienu jgħixu fil-Belt u l-Floriana kienu prattikament maqfulin fi djarhom minħabba r-restrizzjonijiet li kienu ġew ordnati fuq il-movimenti tagħhom. Kien hemm xi forma ta' movement awtorizzat bejn il-Belt, il-tlitt ibliet, u l-kampanja lil hinn mis-swar minn ġo postijiet ta' ċċekkjar desinjati apposta.

Il-kontroll fuq il-moviment lejn il-Floriana u l-Belt kien eżerċitat f'Bieb il-Bombi taħt is-superviżjoni tal-Giurati ta' l-Universita' tal-Belt.

Notifika maħruġa fit-13 ta' Lulju ssikkat ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' persuni u oġġetti f'diversi bnadi tal-gżira.

Il-komunikazzjoni bejn il-Belt u l-Floriana kellha tispiċċa għal kollox u anki bejn il-Floriana u l-bqija tal-gżira ħlief għall-bżonnijiet tas-servizz pubbliku u biex tintlaqa' l-provvista ta' l-ikel. B'riżultat ta' dawn il-miżuri, il-provvisti kollha miġjuba mill-kampanja biex jissupplixxu l-Floriana kellhom jintlaqgħu f'Bieb il-Bombi u l-provvisti għall-Belt kellhom jgħaddu mill-Bieb ta' ħdejn ix-Xatt.

Iżda dan ma kienx biżżejjed u kien għad fadal tbatija eħrex għal Beltin u Furjaniżi. Direttiva maħruġa fit-2 ta' Awissu stipulat li l-abitanti kollha tal-Belt u l-Floriana kellhom jirtiraw immedjatament ġo djarhom u ma setgħux joħorġu minnhom bl-eċċezzjoni biss ta' min ikun qiegħed fuq xi xogħol tal-gvern. Hija kemmxejn ta' stagħġib li filwaqt li dawn il-miżuri stretti kienu qed jiġu inforzati fiż-żona tal-Belt u l-Floriana fuq bażi obbligatorja, fil-każ tat-tlitt iBliet u l-irħula dan kien biss rrakomandat minkejja li kien hemm minnhom li kienu ġa intlaqtu wkoll bil-Pesta.*7

**Il-provvista ta' l-ikel**

Pesta jew le, il-bniedem irid jipprova jkompli jsostni ruħu. Anzi f'ċirkostanzi ta' mard u epidemiji, is-sostenn ta' l-ikel isir anki aktar bzonnjuż għax ġisem dgħajjef iċedi aktar u aktar malajr quddiem il-mard.
Il-provvista ta' l-ikel għan-nies maqfulin wara s-swar tal-Floriana u tal-Belt għalhekk b'xi mod kellha ssir.

Għawdex, li għal żmien twil ħelisha mill-epidemija tal-Pesta, kien is-sors ewlieni tal-provvista ta' frott u ħaxix frisk liż-żoni urbani ta' Malta.
Fis-sajf ta' l-1813 il-prodotti agrikoli Għawdxin kienu lesti għas-suq u daqs kemm kien importanti għall-popolazzjonijiet msejkna ta' dawn iż-żoni urbani Maltin, partikolarment għall-Belt u l-Floriana, daqshekk kien importanti għall-bdiewa Għawdxin li l-prodott Għawdxi jibqa' jasal kemm jiflaħ għand il-konsumaturi Maltin.

Għaldaqstant Oakes kien reġa' awtorizza, taħt il-kontroll ta' kundizzjonijiet stretti, li jergħu jibdew il-vjaġġi bid-dgħajjes minn Għawdex dritt għall-Port il-Kbir bi provvisti għall-Belt, Floriana u t-tllitt iBliet.
Il-Malti qatt ma għadda mingħajr hobż u lanqas seta' jgħaddi issa. Minkejja l-għeluq ta' ħafna mill-fran fiż-żoni affetwati mill-Pesta, il-provvista ta' hobż lill-abitanti wara ż-żoni mbarrati tal-Belt, Floriana u t-tlitt iBliet baqgħet konsistenti u tlaħħaq mad-domanda permezz ta' ċertu miżuri li ttieħdu fosthom l-użu tal-fran tas-Servizzi Ingliżi kif ukoll il-forn ta' l-Ospizio fil-Floriana stess li kellu wisgħa fejn iżid il-produzzjoni tal-hobż.*8

**Il-Pesta fil-Belt u l-Floriana tibda tbatti**

Il-biza ta' Oakes li l-popolazzjoni kollha tal-Floriana tisfa vittma tal-Pesta bdiet tisfuma proprju wara biss ftit ta' jiem hekk kif f'ittra li bgħat lil Lord Montgomerie datata s-7 ta' Awissu, irrapporta li l-miżuri mħabbra fil-Proklama tat-2 ta' Awissu kienu qed jirnexxu tant li r-rata tal-firxa ta' l-epidemija kienet qed tonqos.

Fit-30 ta' Awissu Oakes kiteb lill-ġeneral Maġġur Montresor f'Messina. Kien eċitat dwar is-sitwazzjoni fil-Belt u l-Floriana. Qal li l-aħħar statistiċi tas-saħħa ġġustifikaw il-konklużjoni li l-Pesta qegħda maż-żmien tiġi kważi eradikata mill-Belt u l-Floriana, li il-kwarantina perfetta u riġida stabbilita fir-rigward ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet fil-5 ta' Awissu kienet qed tkompli u ġiet inforzata aktar milli rilassata u li kien minħabba f'hekk li kien hemm titjib fl-istat tas-saħħa pubblika f'dawn il-lokalitajiet.

Fl-4 ta' Settembru informa lill-Logutenent Ġenerali Campbell li żied l-issikkar fuq iż-żona ta' esklużjoni fil-Belt u l-Floriana u in vista tal-fatt li, mill-banda l-oħra, ħżienet is-sitwazzjoni tal-Pesta fl-irħula l-kbar ta' Birkirkara, ħal Qormi u Ħaż-żebbuġ, inqatgħet kull komunikazzjoni bejn iż-żona BeltċFloriana u l-kampanja.

Fl-istess jum, Oakes irraporta lil Bathurst, li miegħu kien jikkomunika regolarment, li kien hemm tamiet raġonevoli ta' soppressjoni bikrija ta' l-epidemija tal-Pesta fiż-żona BeltċFloriana li bdiet tbatti kmieni f'Awissu.

Il-miżura prinċipali u l-aktar importanti, kompla Oakes, li kienet wasslet għall-kambjament kbir għall-aħjar fil-Belt u l-Floriana kien l-għeluq fi djarhom, fil-bidu ta' Awissu, ta' l-abitanti kollha, miżura iebsa li inċidentalment kienet dik li rrakomanda l-Board of Health ħafna aktar kmieni, lejn l-aħħar ta' Mejju, iżda li ma kinitx attwata mill-gvern f'dak il-mument.

Fl-10 ta' Settembru, f'ittra oħra lil-Logutenent ġenerali Campbell, Oakes kompla juru ruħu ottimista fuq is-sitwazzjoni fil-Belt u l-Floriana. Fil-fatt f'dik il-ġimgħa, fil-Belt kien hemm mewt waħda biss mill-Pesta filwaqt li ma kien irrapportat l-ebda każ ġdid u l-istess fil-Floriana fejn l-imwiet li kien hemm, tlettax, kienu fil-fatt imwiet li seħħew prinċipalment fl-iSptar tal-Pesta.

*Lejn tmiem il-flaġell tal-Pesta*

***Fl-4 ta' Ottubru wasal Malta Sir Thomas Maitland li ħa f'idejh it-treġija tal-gżira, bil-problema enormi li kienet tinsab fiha, minn idejn Oakes li, iżda, kien irnexxielu, lejn tmiem il-ħatra tiegħu, iwaqqaf il-firxa tal-Pesta u jibda t-triq biex il-gżira terġa tqum fuq saqajha.*9***

***Fit-13 ta' Novembru, 1813, ħarġet Proklama mill-Gvernatur Sir Thomas Maitland li kienet tgħid li peress li kienu għaddew aktar minn ħmistax-il ġurnata minn mindu kien irrapportat xi każ ta' pesta fil-Belt u l-Floriana u peress li kien hemm raġuni soda għalfejn wieħed kellu jaħseb li kien qed jersaq b'pass mgħaġġel il-mument li fih l-abitanti setgħu jiġu meħlusa mill-istat twil u attwali ta' rekluzjoni (li effettivament kien l-istat ta' Kwarantina) li kien kkaġunalhom tant tbatija, kellhom jittieħdu dawk il-miżuri xierqa għas-sigurta' u s-salvezza ġenerali.***

***Fost il-miżuri kien hemm dik li mis-17 ta' Novembru, 1813 sa ħmistax wara, fil-Belt u l-Floriana, dejjem sakemm ma jiġix irraportant każ ġdid ta' pesta, kellha ssir purifikazzjoni ġenerali fid-djar, ħwienet u mħażen kollha ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet mingħajr l-iċken eċċezzjoni. Matul dak il-perjodu ta' ħmistax il-ġurnata kull dar, ħanut u maħżen kellhom jiġu spezzjonati ta' kull ġimgħa u d-Deputati, Tabib u Uffiċċjal tal-Pulizija kellhom jagħmlu rapport ta' l-ispezzjoniijiet.***

***Il-Proklama kienet tgħid li fil-kategorija ta' dawk l-affarijiet li kellhom jiġu purifikati kienu jaqgħu għamara, bjankerija, ħwejjeġ, merkanzija u affarijiet ta' kull xorta - kollox f'kelma waħda – u dawn kellhom jiġu esposti għall-arja, maħsula u ppurifikati.***

***It-twieqi u l-bibien ta' kull post kellhom jibqgħu miftuħa matul il-ġurnata, kellhom jitbajdu totalment il-partijiet ta' isfel tal-bini u jitnaddfu mill-ġdid bl-akbar attenzjoni mill-ġdid.***

***L-ispetturi, f'każ li jkun hemm min ma jesegwixxiex din l-ordni kif suppost, kellhom jagħmlu minnufih rapport lill-Gvern u l-piena għal tali negliġenza kienu lil kull post – dar, ħanut jew maħżen - kien jitqiegħed fi stat ta' kwarantina għal erbgħin ġurnata.***

***Miżura oħra interessanti kienet tirrigwarda l-kalessi. Il-Proklama tirreferi għall-ordni li kien ħareġ il-Gvern fit-3 ta' ġunju ta' qabel fejn kien ordnat li kellhom jitneħħew id-drappijiet mill-kalessi tal-kiri li kienu kkontribwixxew għall-bidu tal-pesta, liema ordni f'każi varji ġiet miksura.***

***Għaldaqstant, il-Proklama kompliet, biex jiġi prevenut il-ħsara li tista' toħroġ minn dan in-nuqqas ta' ubbidjenza lejn din l-ordni u biex twaqqaf il-possibilta' ta' kwalunkwe infezzjoni li setgħet teżisti fi kwalunkwe kaless, il-kalessi kollha u ta' kull xorta bl-arneż li jippartjeni lilhom kellhom jinġabru fil-Piazza della Floriana (għandi nifhem li hawnhekk qed tirreferi għal dik li llum hija Pjazza San Publju) u jitqegħdu fi stat ta' kwarantina għal ħmistax il-ġurnata. Min kien jinstab li kiser din l-ordni, kien ikollu l-kaless konfiskat.*10***

*Konferma ta' l-għibien tal-pesta mill-Floriana*

***Il-Gazzetta del Governo di Malta kienet ixxandar rapport bin-numru tal-morda u l-mwiet ikkaġunati mill-pesta f'kull ħarġa iżda fil-ħarġa tal-24 ta' Novembru, 1813 kien ġie deċiż li r-rapport ta' dakinhar kien l-aħħar wieħed u li ma kienx ser jixxandar aktar hekk kif din il-gazzetta ħabbret li l-pesta kienet tista' tgħid li sfumat għal kollox mill-Gżira, għajr għal ftit każi li kienet ristretti għall-Lazzarett, u għalhekk inħass li tali rapporti kienu saru kważi superfluwi.*11***

***Fil-fatt, filwaqt li kienu għadhom jidhru ċifri ta' morda u mejta mill-pesta f'xi irħula f'ħarġiet preċedenti, mill-anqas sa mill-ħarġa ta' l-10 ta' Novembru, 1813, il-Floriana u l-Belt ma kienu qed jirrapportaw la każijiet ta' mard u lanqas ta' imwiet.*12***

***Aktar tard, fil-15 ta' Frar, 1814, Maitland informa lil Lord William Bentinck, li kien f'Palermo, li l-Belt,Floriana u t-tlitt ibliet kienu ilhom ħielsa mill-Pesta għal 111-il ġurnata, jiġifieri mis-27 ta' Ottubru, 1813. Wieħed, iżda, kellu jistenna sat-8 ta' Settembru, 1814, biex jiġi dikjarat uffiċjalment li finalment il-Pesta kienet kompletament meqruda mill-gżejjer Maltin. Dan sar permezz ta' Proklama b'dik id-data maħruġa mill-Gvernatur Maitland u bħala bażi għal din id-dikjarazzjoni semma l-fatt li l-Pesta kienet ilha li għebet minn Għawdex (l-aħħar post fil-gżejjer Maltin li fih feġġet il-Pesta) għal aktar minn 120 ġurnata, mill-Belt għal dawk l-aħħar għaxar xhur, u mill-bqija ta' Malta għal sitt xhur.*** *13

**Twettiq ta' wegħda għall-ħelsien mill-Pesta**

Fil-ġranet terribbli tal-Pesta il-Maltin kienu għamlu wegħda lil Alla li jagħmlu Tridu u proċessjoni solenni malli setgħu jiġu meħlusa minn dak il-flaġell. Il-Maltin, malli ħaseew li akkwistaw mingħand Alla dik il-grazzja riedu jonoraw il-wegħda tagħhom.
Il-kap tal-gvern, nhar il-ġimgħa, 16 ta' Settembru, 1814, ta' bidu għal Tridu fil-Knisja Insinji Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta.
It-Tnejn filgħodu kien kemm Quddiesa Solenni kantata ta' radd il-ħajr lil Alla. Wara nofsinhar bdiet proċessjoni li fiha inġarru kemm l-iStatwa kif ukoll ir-Relikwa ta' San Pawl. Il-proċessjoni mxiet b'devozzjoni lejn il-Knisja ta' San Publju fil-Floriana bejn żewġ fillieri twal ta' suldati.
Wara li sar ringrazzjament ħerqan mill-ġdid lil Alla, il-proċessjoni rritornat fl-istess ordni fil-Knisja ta' San Pawl, segwita mit-truppi li kienu fformaw il-fillieri. Fil-frattemp indaqqu l-qniepen kollha u mill-fortifikazzjonijiet sar sparar minn diversi kanuni ta' l-artillerija bħala salut.*14

**Eku tal-Pesta u t-twaqqif tal-Parroċċa tal-Floriana**

Ħaġa interessantissima marbuta mal-Pesta u l-Floriana hija li l-eku ta' dan il-flaġell baqa' jidwi f'din il-lokalita' b'mod mill-aktar qawwi sa aktar minn 30 sena u huwa intriċċat ukoll fil-ġrajjiet li eventwalment wasslu għat-twaqqif tal-Parroċċa tal-Floriana.

Sa mill-1724 kien beda jinstema' diwi fil-Floriana biex titwaqqaf parroċċa ġdida u l-Gran Mastru Vilhena kien ippreżenta petizzjoni lis-Santa Sede f'dan is-sens iżda għal diversi raġunijiet din ma ntlaqgħetx.
Maż-żmien inbniet il-Knisja ta' San Publju u din spiċċat viċi-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Malli l-Furjaniżi kellhom il-knisja tagħhom ix-xewqa li l-Floriana tkun parroċċa għaliha kotrot iżda għal żmien twil il-parroċċa Beltija, appoġġjata mill-awtoritajiet tal-Knisja lokali u s-Santa Sede, baqgħet topponi u tirrifjuta din ix-xewqa.

Dan wassal biex tinbet rivalita' kbira bejn il-fazzjonijiet differenti fil-Belt u l-Floriana.
Il-kwistjoni baqgħet tkarkar għal snin twal, b'tentattiv wieħed wara l-ieħor biex titwaqqaf parroċċa separata fil-Floriana jfallu, sakemm fl-1839 insibu li sar sforz ieħor kbir biex il-ħolma tal-Furjaniżi sa fl-aħħar isseħħ.

Il-promoturi tal-kawża Furjaniża ippreżentaw petizzjoni wara l-oħra lis-Santa Sede biex isostnu l-każ tagħhom u hawn fejn reġa tfaċċa l-eku tal-Pesta. Il-Kapitlu ta' San Pawl kien akkużat li waqt il-Pesta ta' l-1813 (kif ukoll waqt l-epidemija tal-Kolera ta' l-1837) kien ittraskura li jagħti l-komfort spiritwali neċessarju lil dawk li sfaw vittma ta' dawn l-epidemiji fil-Floriana u dan kien motivat l-aktar minn tendenzi ta' biża' kif ukoll mid-distanza projbittiva bejn il-Belt u l-Floriana speċjalment meta bieb il-belt – Porta Reale – kien jingħalaq għal-lejl.

Wieħed ma jridx jipparaguna din id-distanza ma' dik tal-lum. F'dawk iż-żminijiet wieħed ried jasal sal-Belt b'saqajh peress li t-trasport kien rari u użat biss minn nies ipprivileġġjati u dak li jkun kellu jitla' żewġ indani taraġ u jgħaddu bejn mogħdijiet iserrpu biex jasal sa fejn il-foss tal-Kurtina ta' Santa Madalena. Dan il-passaġġ kien ibeżża wisq lil min ikun għaddej bil-mixi anki matul il-jum u kien ħafna aktar agħar matul il-lejl meta kien ikun fi dlam ċaapa u rarament użat. Minħabba dan l-istat ta' fatt, kien diffiċli għar-residenti tal-Floriana li jiksbu l-kura spiritwali meħtieġa minn San Pawl Nawfragu tal-Belt. Il-promoturi tal-petizzjoni għamlu emfasi speċjali fuq dawn in-nuqqasijiet.

Fir-rigward tal-Pesta ta' l-1813, l-akkuża kontra l-Kapitlu tal-Kolleġġjata kienet waħda serja, dik li naqsu minn dmirhom bħala saċerdoti, u fil-petizzjoni ingħad li l-'*canonici non intervennero mai nella Floriana ad amministrare in tempo di peste il Santissimo Sagramento di penitenza ed Eucharistia all' 'eccesione del Canonico Proposito Don Raffaele Camilleri il quale intervenne per poche volte e poi morì' in sua casa nella Valletta* (il-kanonċi qatt ma ġew fil-Floriana fi żmien il-pesta biex jamministraw is-Sagrament iMqaddes tal-qrar u l-Ewkaristija bl-eċċezzjoni tal-Kanonku Prepostu Dun Raffaele Camilleri li ġie l-Floriana fi ftit okkażjonijiet u li wara miet fid-dar tiegħu fil-Belt).

Din id-dikjarazzjoni kienet saret taħt ġurament minn Paola Muscatelli fil-prezenza tan-Nutar Antonio Delicata.*15 L-implikazzjoni hija li l-Kanonku Prepostu Dun Raffaele Camilleri miet b'kawża tal-pesta. Kienet jew ma kinitx ir-raġuni eżatta, ta' min jirrikonoxxi l-qlubija ta' dan il-kanonku tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Pawlina li ssogra saħħtu u ħajtu biex f'xi okkażjonijiet u f'ċirkostanzi tal-biża' qeda l-ħtiġijiet spiritwali tal-Furjaniżi.

Iżda din l-imġieba erojka ta' kanonku wieħed ma kinitx biżżejjed biex tikkontrasta x-xita ta' ilmenti serjissimi fil-konfront tal-kanonċi sħabu fir-rigward ta' l-abbandun kważi totali li tħallew fih il-Furjaniżi f'dawk il-ġranet suwed. Stqarrijiet ġuramentati simili saru minn persuni oħra li żiedu li l-foqra tal-Floriana tħallew mingħajr kura spiritwali, ħobż u flus *'nel contaggio di peste'* (matul il-pesta). Dawn l-istqarrijiet kollha intbagħtu Ruma biex isaħħu l-kawża ta' dawk li riedu s-separazzjoni tal-viċi parroċċa ta' San Publju minn ma' dik ta' San Pawl tal-Belt.

Aktar stqarrijiet kienu li *'non viddi mai in Floriana Sacerdoti della Valletta e neppur Canoniciġ 'Non intervennero a far il loro dovere'ġ 'a la Floriana per piu' tempo rimase senza alcun Sacerdote'ġ 'non era giusto che la gente muoia senza sagramenti'ġ 'non ho veduto mai Canonici della Santa Chiesa di Collegiata della Valletta'ġ 'nessuno ......... si porto' nella Floriana ad amministrare i Santissimi Sagramenti di eucaristia e penitenza'* – dawn l-istqarrijiet kollha u oħrajn li saru taħt ġurament fil-prezenza ta' diversi nutara pubbliċi jidher li kellhom iħallu xi effett mixtieq fuq id-deċiżjoni tas-Sagra Congregazione li kellha tagħti l-verdett tagħha fl-4 ta' Frar, 1843, verdett li fil-fatt ħareġ favur it-twaqqif tal-Parroċċa ġdida tal-Knisja ta' San Publju tal-Floriana li ! issa għalhekk ma baqgħetx viċi parroċċa tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt.

Minkejja li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata baqa' jaħdem biex din id-deċiżjoni tiġi mreġġa lura, digriet ta' l-Arċisqof Francesco Saverio Caruana datat il-5 ta' Marzu, 1844 ħabbar li jumejn wara kellu jidħol fis-seħħ l-imsemmi digriet li stipula li l-Knisja ta' San Publju kellha tiġi mifruda għal dejjem minn San Pawl tal-Belt bħala parroċċa indipendenti bl-unuri, drittijiet, appartenenzi u emolumenti kollha li jappartjenu għal parroċċa.*16

U b'hekk qishom li ġew fi tmiem f'daqqa zewġ avvenimenti kbar fl-istorja tal-Floriana għax nifhem li filwaqt li l-Furjaniżi kienu qed jiċċelebraw bil-kbir it-tmiem tal-battalja twila biex ikollhom il-parroċċa tagħhom kienu kważi qed jidfnu wkoll definittivament l-aħħar spettri tal-ġrajja drammatika u duluruża
tal-Pesta li fl-eqqel tagħha kienet heddet li tkaxkar magħha minn wiċċ l-art lill-Furjaniżi kollha ... iżda kien għad fadal epilogu ċkejken ieħor!

**Epilogu ċkejken ieħor**

Fadal ġrajja oħra li qanqlet fil-Furjaniżi t-tifkiriet tal-qilla tal-Pesta ta' l-1813-1814 u din ġrat madwar 70 sena wara t-tmiem tagħha. Il-Furjaniżi kienu ilhom bix-xewqa li jkollhom faċċata ġdida u aktar imponenti għall-knisja tagħhom u għal dan il-għan kien ikkommissjonat biex jagħmel disinn il-Professur Nicola Zammit. Id-disinn ingħoġob u wara li kien intalab u ngħata permess mill-gvern biex tintuża parti mill-kannierja għall-pedamenti tal-faċċata l-ġdida, nhar l-Erbgħa, 13 ta' Awissu, 1884, tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' din il-faċċata li għadna ngawdu sallum.

Ġara, iżda, li peress li l-vittmi tal-Pesta ta' l-1813 kienu ġew midfuna fil-kannierja u minkejja li kienu għaddew 70 sena, il-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq il-pedamenti ma tħallewx jagħmel kuntatt mad-dinja ta' barra. L-ikel u l-bżonnijiet l-oħra tal-ħaddiema kienu jitniżżlu minn ġo 'shafts' li saru fis-saqaf tal-kannierja. (Din fakkritni f'xena mill-film bibbliku 'Ben Hur' meta kienu jniżżlu l-ikel għall-lebbrużi permezz ta' tarjola.)

Meta l-pedamenti kienu lesti il-ħaddiema kellhom iqattgħu 40 ġurnata kwarantina fl-Isolation Hospital f'Manoel Island qabel ma ngħataw *'Patenta Netta'**17, jiġifieri li ġew iċċertifikati li ma kienu qed iġorru l-ebda marda. **U din il-ġrajja tidher li sa fl-aħħar għalqet definittiviment l-għatu fuq l-istorja tal-Pesta tal-1813-1814 u l-impatt li kienet ħalliet fuq il-Floriana kemm fi żmienha kif ukoll għal tant u tant snin wara.**

*Noti u Riferenzi*

*1 Patrick Staines, *Essays on governing Malta (1800-1813)*, Publishers Enterprises Group (PEG), 2008, p. 614
*2 *Ibid.*, pp. 559, 561-562
*3 Winston L. Zammit, Fil-Furjana fis-seklu XIX (1) Il-logotenent (1800-1817) f'*Il-Furjana*, Vol. VI Ottubru-Diċembru 2008 Nru. 36, p. 5
*4 Patrick Staines, *Essays on governing Malta (1800-1813)*, Publishers Enterprises Group (PEG), 2008, pp. 570-572, 579-580
*5 Sir Hildebrand Oakes kien l-aħħar rappreżentant tal-Kuruna f'Malta li kien iġib it-titlu ta' 'Civil Commissioner'. Warajh kien ġie Sir Thomas Maitland li ngħata t-titlu ta' 'Gvernatur', liema titlu baqa' jinġarr mis-suċċessuri tiegħu prattikament sat-tmiem il-ħakma Ingliża f'Malta
*6 Emmanuel S. Tonna, *Final focus on Floriana Ġ a collection of essays*, Malta, 1979, p. ħ57ż
*7 Patrick Staines, *Essays on governing Malta (1800-1813)*, Publishers Enterprises Group (PEG), 2008, p. 614, pp. 579-581
*8 *Ibid.*, pp. 584-585
*9 *Ibid.*, pp. 593-595, 606
*10 *Gazzetta del Governo di Malta*, Numero 4, Mercdoledi' 17 novembre 1813, p. ħ13ż
*11 *Ibid.*, Numero 5, Mercoledi' 24 novembre 1813, p. ħ20ż
*12 *Ibid.*, Numero 3, Mercoledi' 10 novembre 1813, p. ħ12ż
*13 Patrick Staines, *Essays on governing Malta (1800-1813)*, Publishers Enterprises Group (PEG), 2008, p. 612, 614
*14 *Gazzetta del Governo di Malta*, Numero 48, Mercoledi' 21 settembre 1814, p. 193
*15 Emmanuel S. Tonna, *Final focus on Floriana Ġ a collection of essays*, Malta, 1979, p. 19, 21, 24, 26-27
*16 *Ibid.*, p. 27-28, 32
*17 *Ibid.*, p. 36-37